# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru 2020**

**Numru 22**

**Rikors numru 25/12 JVC**

**Joseph Micallef**

**v.**

**A&M Printing Limited (C-5045)**

**Il-Qorti:**

1. Fid-29 ta' Marzu 2012 l-attur ippreżenta kawża fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali u talab:-

> *"1. Tiddikjara d-deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar datata 23 ta' Novembru 2010 (talba numru 692/2010) fl-ismijet A & M Printing Limited (C5045) vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited nulla, invalida u mingħajr effett u dan għar-raġunijiet premessi;*
>
> *"2.Tordna konsegwentement lill-konvenut sabiex jirrifondu lill-attur is-somma ta' elfejn sitt mija u tnejn u disgħajn Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€2,692.59), ammont minnhom żbankat permezz tar-rikors datat 19 t'April 2011 in atti taċ-ċedola ta' depożitu numru 387/11*

*flimkien ma' ħamsa u disgħajn euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu, spejjeż tal-istess bank".*

2. L-attur ilmenta li n-notifika li saret permezz tal-affissjoni kienet irregolari għaliex fid-data li saret kien ilu s-snin li m'għadux jirrisjedi fil-fond fejn saret l-affissjoni. Fir-rikors ġuramentat sostniet:-

> *"9. It-twettieq skont il-Liġi tan-notifika tal-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar setgħet saret kieku s-soċjeta konvenuta ħadet il-briga li tikkonsulta dokumenti pubbliċi. L-attur, minflok, ġie allegatament notifikat f'post li la kien jabita fih u lanqas ma kien il-post tax-xogħol tiegħu.*
>
> *"10. L-egħmil tas-soċjeta konvenuta u n-nuqqas tagħha illi tħares u twettaq ħtiġijiet proċedurali mandatorji, wassal għall-irregolarita' hawn fuq imsemmija, u bħala konsegwenza l-attur ma ngħatax l-opportunita' illi jiddefendi l-każ tiegħu; dan b'nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u fondamentali għal smigħ xieraq".*

3. Il-konvenuta kkontestat it-talbiet tal-attur permezz ta' risposta ġuramentata preżentata fl-20 ta' April 2012. Fil-meritu argumentat li:

3.1 Infurmata li l-attur għadu jgħix fil-fond 'Joanne', Tower Gate Street, Imsida. Għalhekk l-affissjoni kienet regolari;

3.2 F'kull każ in-notifika kienet regolari inkwantu ma saritx biss bl-affissjoni iżda wkoll bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern skont l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

4. B'sentenza tat-22 ta' Settembru 2015 l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuta u ċaħdet it-talbiet tal-attur.

5. Għall-iskop tal-appell, il-parti rilevanti tas-sentenza taqra hekk:-

*“**Il-mertu**:*

*“Illi mill-atti fil-mertu jirrizulta li zgur sa minn April tas-sena 2009 l-attur Joseph Micallef kien indikat fir-registru elettorali li jirrisjedi fl-indirizz Flat 7, Highrise, Triq l-Imgiebah, San Pawl il-Bahar (fol.l 154 sa 157 tal-process). Jirrizulta wkoll li dan il-fond gie trasferit fuqu biss permezz tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejnu u bejn martu datat 30 ta’ Ottubru, 2007 (fol. 159). Skont ix-xhieda ta’ l-ex mara tal-attur Anna Micallef a fol 194 et seq tal-process l-attur kien ilu sa mis-sena 2000 ma jirrisjedix fl-indirizz l-Imsida, illum il-Gzira izda San Pawl il-Bahar. Jirrizulta wkoll li l-kont tad-dawl u ilma fuq l-indirizz fil-Gzira kien ilu mill-anqas sa mill-10 ta’ Mejju, 2000 isejjah lil Anna Micallef u bintha Luana Micallef ghall-fini ta’ sussidju (fol. 225) izda mhux lill-attur. Huwa konfermat mill-istess attur fil-kontro-ezami tieghu li huwa effettivament bidel l- indirizz tieghu ghal dak ta’ San Pawl fis-sena 2007 (kopja tal-karta tal- identita’ a fol. 24 tal-process) unikament minhabba li kienet ghadha pendenti l-kawza tas-separazzjoni ma’ martu ghalkemm gia kien jabita hemm (fol.170 et seq) isostni wkoll li anki mal-Bank huwa kien ilu rregistrat fl-indirizz ta’ San Pawl il-Bahar mis-sena 2000.*

*“Minn dak kollu suespost jirrizulta li sa mill-anqas mis-sena 2007 in vista tal-karta tal-identita’ tal-attur kif ukoll tal-kopji tar-registru elettorali l-informazzjoni li Joseph Micallef kien jirrisjedi San Pawl il-Bahar u mhux fl-indirizz fl-Imsida kienet ta’ dominju pubbliku. Nonostante dan is-socjeta’ konvenuta fis-sena 2010 insistiet li tinnotifika lill-attur fl-indirizz gewwa l-Imsida minghajr ma ghamlet ebda ricerka li permezz taghha facilment setghet issib l-indirizz tal-attur fis-sena 2010. Fi kliem ix-xhud Maryanne Mercieca a fol. 238 et seq tal-process hija assumiet li l-attur kien ghadu hemm ghaliex kienet tkellem lil ibnu u lil martu izda mhux ghax qatt kelmet lilu fuq it-telephone:*

> *“‘Xhud:*
>
> *“Meta, kull darba li konna ncemplu, gieli jew id-dar jew inkella l-ufficcju tieghu fejn ghandu n-negozju, ma kienx ikun hemm hu, kienet tirrispondini jew il-mara d-dar, m’inix qed insemmi lit-tfal l-ohra li ghandu jew li kellu, jew il-mara akwantu d-dar jew it-tifel, dan l-ahhar ankwantu n-negozju li ghandu.’*
>
> *“Il-Qorti:*
>
> *“Allura int qed tassumi li la qed jiehdu hsieb dawk it-tnejn, illi jekk ircevewhom huma, tawhomlu?*
>
> *“Xhud:*
>
> *“Iva.’*

*"Jirrizulta izda li anki jekk se mai l-attur kien ghadu jezercita' n-negozju tieghu mill-indirizz l-iehor fl-Imsida u mhux dak fejn saret l-affissjoni, kif gia nghad aktar 'il fuq, il-kumpanija li kienet taghmel dan in-negozju giet imhassra fis-sena 2009 cioe' qabel ma nfethet il-kawza mis-Socjeta' konvenuta u ghalhekk fiz-zmien tal-kawza l-attur ma jistax jigi prezunt li kien ghadu jopera mill-indirizz tal-kumpanija jew li kien ikun prezenti f'dak l-indirizz.*

*"Min-naha l-ohra martu, illum separati, insistiet ferm fix-xhieda taghha li hija qatt ma accettat fl-indirizz taghha ittri ta' Joseph Micallef anzi jekk kienu jhallu xi wahda l-ghada kienet taghtiha lura lill-pustier u mhux lil Joseph Micallef. Ghalhekk fic-cirkustanzi mhux daqshekk facli li wiehed jassumi li ghaliex ittra tkun intbaghtet ghand mart l-attur allura din neccessarjament waslet ghandu kif sostniet ix-xhud u kif gie sostnut fis-sottomissjonijiet tal-intimata.*

*"Illi izda l-artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi l-kundizzjonijiet segwenti sabiex notifika bil-pubblikazzjoni u affissjoni tkun valida:*

> *"'(3) Jekk mir-riferta tal-ufficjal inkarigat min-notifika ta' skrittura jew att gudizzjarju jinstab li l-persuna li ghandha tigi notifika bl-iskrittura jew att, ghalkemm ma tirrizultax li qeghdha barra minn Malta, id-dhul fil- post tar-residenza taghha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza taghha ma jkunx maghruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwahhal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u f'gurnal ta' kuljum wiehed jew iktar minn wiehed skont kif il-qorti tiddeciedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun maghruf, billi titwahhal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir- residenza.'*

*"Prima facie jirrizulta lil din il-Qorti li l-kriterji kollha neccessarji ai termini tal-artikolu 187 (3) sabiex in-notifika tkun wahda valida gew sodisfatti. Jirrizulta mill-atti a fol. 100 et seq tal-process illi kien hemm tentattivi li ma rnexxewx sabiex issir in-notifika permezz tal-posta. Konsegwentement sar ir-rikors sabiex 'il-qorti' jew ahjar f'dan il-kaz partikolari t-Tribunal, jakkorda li n-notifika ssir permezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni. Jirrizulta li din it-talba giet akkolta mit-Tribunal (ara fol. 113. Il-Qorti tqis li d-diskrezzjoni jekk kellhiex tigi moghtija dik l-awtorizzazzjoni sabiex issir in-notifika permezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni tinkombi unikament fuq ic-Chairman ta' dak it-Tribunal u mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tvarja d-diskrezzjoni ezercitata f'dak il-mument mic-Chairman tat-Tribunal li awtorizzat l-istess rikors. Finalment wara li saret il-pubblikazzjoni u l-affissjoni dak it-Tribunal kien sodisfatt li n-notifika tal-attur kienet wahda valida skont il-ligi. Il-Qorti tinnota li l-affissjoni mar-residenza m'hijiex ta' bilfors skont l-istess sub-artikolu izda f'dan il-kaz partikolari xorta wahda jirrizulta li saret. Konsegwenti ghal dak kollu legalment u ai termini tal-artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-attur Joseph Micallef fl-atti tat-Tribunal kien meqjus legalment notifikat. Din il-Qorti tqis li ghalkemm is-socjeta' konvenuta setghet marret oltre u ghamlet ricerka mar-registru elettorali*

*sabiex forsi ssib indirizz aktar recenti tal-attur, jirrizulta izda li l-indirizz fejn gie notifikat kien fil-fatt l-indirizz moghti lilha mill-attur bhala l-indirizz tieghu u allura ma hemm xejn li jista' jannulla l-validita' tan-notifika permezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni kif saret fl-atti tat-Talba numru 692/10".*

6. Fid-9 ta' Ottubru 2015 l-attur ippreżenta rikors tal-appell. Hu argumenta li a bażi tal-provi jirriżulta li l-attur kienj fl-indirizz ta' San Pawl il-Baħar u dan kien stat ta' fatt magħruf għall-pubbliku. Kompla:-

*"Li kieku l-appellata indenjat ruħha imqar tivverifika mar-reġistru elettorali jew dokumenti oħra pubbliċi, jew imqar tagħmel indaġni sempliċi oġra, kien mill-ewwel u faċilment jirriżultalha li l-indirizz fejn jgħix l-appellanti kien dak f'San Pawl il-Baħar u mhux dak tal-Imsida.*

*"Inoltre, ta' min jirrileva wkoll illi kif indikat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, 'Min-naħa l-oħra martu, illum separati, insistiet ferm fix-xhieda tagħha li hija qatt ma aċċettat fl-indirizz tagħha, ittri ta' Joseph Micallef, anzi jekk kienu jħallu xi waħda, l-għada kienet tagħtiha lura lill-pustier u mhux lil Joseph Micallef'*

*"......*

*"Fil-każ odjern jirriżulta ampjament li l-indirizz indikat mill-appellanti (fil-proċeduri quddiem it-Tribunal) w għalhekk dak li fih sar tentattiv ta' notifika, la kien dak tal-lok fejn kien joqgħod il-konvenut, la kien dak tal-post tax-xogħol tiegħu u lanqas ma kien l-indirizz postali tiegħu.*

*"B'riferenza partikolari għall-ewwel partijiet sottolinejati mill-esponenti, fir-rigward tal-artikolu 187(3), fl-umli fehma tal-esponenti, jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku, illi l-awtorizazzjoni għan-notifika bil-mezzi tal-pubblikazzjoni w affissjoni, tista' tingħata BISS jekk fattwalment jirriżulta li d-dħul fil-post tar-residenza tal-parti konċernata ma jkunx jist'a jsir jew jekk il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf. Kif ġja rilevat, fil-każ odjern, il-post tar-residenza tal-esponenti (f'San Pawl il-Baħar) kien fatt uffiċċjali w magħruf lill-pubbliku in ġeneralii u tali dettalji setgħu faċmilemnt jiġu ottjentui minn kulħadd, inkluż mill-appellata. Għaldaqstant, il-każ li kellu quddiemu t-Tribunal ma kienx wieħed fejn il-post tar-residenza tal-konvenut ma kienx magħruf u li għalhekk l-uffiċjal inkarigat ma setax jaċċedi għalih. Il-fatt li ma saritx in-notifika tal-atti lill-esponenti skont il-liġi, kien biss dipendenti u konsegwenza tal-aġir traskurat tal-appellata*

*"......*

*"Fil-każ in eżami, għalkemm ċertament illi, mhux biss 'kien possibbli', iżda saħanistra faċilissimu li l-affissjoni issir mar-residenza attwali w*

*pubblika tal-appellant, cjononostante, jirriżulta li l-affissjoni relattiva ma kinitx saret fl-indirizz tar-residenza tiegħu. L-obbligi tas-soċjeta appellata f'dan ir-rigward sabiex in-notifika relattiva sseħħ b'mod regolari skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi, kienu kumulattivi u mhux bħala soluzzjoni alternattiva.*

*".....*

*"Dak li jikkostitwixxi 'l-indirizz residenzjali magħruf' ta' parti, huwa l-istat ta' fatt ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku in ġenerali. Milli atti jirriżulta illi is-soċjeta appellata ma għamlet assolutament xejn biex tottjeni l-informazzjoni relattiva li kienet ta' dominju pubbliku".*

7. Il-konvenuta wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**Fatti**

8. Fit-30 ta' Ottubru 2017, l-attur infired legalment minn ma' martu.

9. Skont ir-reġistri elettorali ta' April 2009, Ottubru 2009 u April 2010, l-indirizz tal-attur kien fond ġewwa San Pawl il-Baħar. Mario Tabone, mill-uffiċċju elettorali, xehed li fid-19 ta' Novembru 2007 Joseph Micallef biddel ir-residenza tiegħu għal High Rise, Flat 7, Triq l-Imġieba, San Pawl il-Baħar. Qal ukoll li qabel saret dik il-bidla, ir-residenza tal-attur kienet 57, Joanne, Triq Gerry Zammit, Gzira. L-attur ippreżenta kopja tal-karta tal-identita` tiegħu maħruġa fid-19 ta' Novembru 2007 u l-indirizz stampat hu tal-fond f'San Pawl il-Baħar. L-attur f'affidavit tas-27 ta' Frar 2013 xehed li kien ilu jgħix ġewwa l-fond 'Highrise', Flat 7, Triq l-Imġiebaħ, San Pawl il-Baħar għal iktar minn tnax-il sena. Ifisser mis-sena 2001.

10. Fit-23 ta' April 2009 isem il-kumpanija J.M. Trading Agency Limited kien kanċellat (*struck off*) mir-Reġistratur tal-Kumpanniji.

11. Fit-28 ta' Mejju 2010 il-kumpanija konvenuta ppreżentat fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, il-kawża **A & M Printing Limited v. Joseph Micallef u J.M. Trading Agency Limited** (numru 692/2010) għall-ħlas ta' €2329.37, fejn ippremettiet li l-giljottina li kienet xtrat kienet difettuża.

12. L-attur u J.M. Trading Agency Limited ma ġewx notifikati bl-avviż tat-talba u avviż ta' smigħ. L-indirizz tan-notifika kien il-fond Joanne, Tower Gate Street, Imsida u r-riferti tal-24 ta' Ġunju 2010 jaqraw *'unclaimed'*. Dak kien il-fond fejn kien jgħix l-attur mal-familja tiegħu, u li bil-kuntratt ta' separazzjoni tat-30 ta' Ottubru 2007 kien ġie assenjat lil martu.

13. Il-konvenuta ħallset notifika oħra fl-indirizz Joanne, Tower Gate Street, Msida. Dik id-darba permezz tal-uffiċjal eżekuttiv, u fir-riferta (20 ta' Settembru 2010) hemm stampat, *"ma sibtx l-indirizz"*.

14. B'rikors preżentat fis-27 ta' Settembru 2010 il-kumpanija konvenuta talbet permess lill-Qorti sabiex issir in-notifika tal-avviż tat-

talba permezz tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni. B'digriet tat-28 ta' Settembru 2010, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar laqa' t-talba.

15. Saret in-notifika bil-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali u fil-gazzetta tal-gvern. Fis-6 ta' Ottubru 2010 saret in-notifika bl-affissjoni mal-fond Joanne, Tower Gate Street, Msida, kif ukoll fil-Kunsill Lokali u l-Għassa tal-Pulizija, Msida.

16. Fit-23 ta' Novembru 2010 it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ta s-sentenza fejn ikkundanna lill-konvenuti jħallsu lil A & M Printing Limited is-somma ta' €2,329.37.

17. Fit-28 ta' Jannar 2011 inħareġ mandat ta' sekewestru eżekuttiv kontra l-attur u l-kumpanija li m'għadhiex teżisti, għas-somma dovuta skont l-imsemmija sentenza.

18. Il-bank HSBC Bank Malta plc bagħat ittra lill-konvenut datata 2 ta' Frar 2011 fejn infurmah li kien inħareġ mandat ta' sekwestru kontrih (numru 244/11). L-indirizz stampat fuq l-ittra hu "Joanne", Tower Gate Street, Sliema.

19. Fil-21 ta' Frar 2011 l-istess bank iddepożita l-Qorti s-somma ta' €2799.02 (ċedola numru 387/2011) minħabba li kien ġie notifikat bil-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 244/2011.

**Konsiderazzjoni**

20. Il-kwistjoni f'din il-kawża hi dwar jekk l-attur kienx notifikat bl-avviż tat-talba u avviż ta' smigħ tal-kawża preżentata fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar u fl-ismijiet **A & M Printing Limited v. Joseph Micallef u J.M. Trading Agency Limited** (numru 692/2010). Kawża preżentata fl-aħħar ta' Mejju 2010. L-attur qiegħed isostni li dak iż-żmien ir-residenza tiegħu kienet f'San Pawl il-Baħar u mhux fl-indirizz tal-Msida fejn saret l-affissjoni.

21. Fiż-żmien rilevanti, l-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 kien jaqra:-

> *"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha,* ***fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha****".*

22. Mill-provi irriżulta li fil-ġurnata meta sar tentattiv ta' notifika lill-attur, ma kienx għadu jabita fil-fond Joanne, Tower Gate Street, Msida. Fil-fatt jirriżulta li kien ilu s-snin li telaq minn hemm. Min-naħa l-oħra martu baqgħet tgħix f'dik ir-residenza.

23. L-attur ma ressaqx prova li wara li ma baqax jgħix fl-imsemmi fond, ħa ħsieb jibdel l-indirizz mal-posta. Għalkemm hu minnu li ma kellux xi obbligu f'dak is-sens, jibqa' l-fatt li kien fl-interess tiegħu li jiżgura li jieħu ħsieb li jiżgura li l-korrispondenza tasal għandu. Fil-fatt minn ittra datata 2 ta' Frar 2011 (fol. 22) li l-HSBC Bank Malta plc bagħat lill-attur, hu evidenti li lanqas il-bank ma kien informat li l-attur ma kienx għadu jgħix f'dak l-indirizz. B'dik l-ittra l-bank bagħatj lill-attur li kien inħareġ mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontrih. Ittra li fiha l-indirizz tal-appellant hu 'Joanne', Tower Gate Street, Msida.

24. L-attur jippretendi li l-kumpanija konvenuta kellha tagħmel riċerka sabiex taċċerta ruħha li fiż-żmien li ppreżentat il-kawża fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (28 ta' Mejju 2010), kien għadu residenti fl-imsemmi fond. Mary Anne Mercieca, li kienet uffiċjal tal-kumpanija konvenuta, spjegat li l-indirizz tal-Msida *"..... kien tahulna Micallef stess meta konna fin-negozju miegħu"*. Verżjoni li mhijiex kontradetta. Mela dak hu l-indirizz li kienet taf bih il-konvenuta. Ma tressqet l-ebda prova li l-konvenuta kienet taf jew kellha xi ħjiel li l-konvenut ma baqax jgħix fil-fond 'Joanne', Tower Gate Street, Msida.

25. Meta xehdet Anna Micallef, spjegat li wara li saret is-separazzjoni kienet titkellem mal-attur *"..... biex ma jkunx hemm anqas firda bejn it-tfal*

*għal hekk għandu jkun anke ma' tal-familja".* Mela kuntatt ma' żewġha kellha. Pero` qalet ukoll li meta kienet tirċievi xi korrispondenza indirizzata lil żewġha, kienet tagħtiha lura lill-pustier. Il-Qorti ma temminx din il-verżjoni, ga ladarba mhemmx prova li l-attur kien għamel *change of address*. Il-Qorti taraha diffiċli temmen li l-pustier ser jieħu lura posta li ma jafx fejn għandha tintbagħat. Id-dmir tal-pustier hu li jwassal il-posta skont l-indirizz li jkollu fuq l-*envelope*. Dan apparti li l-istess attur xehed li martu kienet tatu ittra li rċieva d-dar mingħand il-bank (fol. 117), li l-Qorti qegħda tifhem li hi dik a fol. 22 tal-proċess. Dan fih innifsu jikkonferma li mhuwiex minnu li martu kienet tagħti lura lill-pustier l-ittri indirizzati lill-attur. Rilevanti wkoll kif l-istess xhud waslet biex tgħid li qatt ma irċeviet posta indirizzata lill-attur (fol. 196). Evidentement, ma qalitx il-verita`.

26. Għall-qorti hu evidenti li l-appellat baqa' jirċievi korrispondenza fl-indirizz tal-Msida fejn baqgħet tgħix martu. L-affissjoni saret f'dak l-indirizz, kif jirriżulta mir-riferta a fol. 119. Dan apparti l-pubblikazzjoni li saret bil-mod li jikkontempla l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 u li dwarha l-attur ma ilmentax.

27. L-avviż tat-talba twaħħal mal-bieb tal-fond tal-Msida. Għallinqas hekk jirriżulta mir-riferta. Evidenti li għalkemm Anna Micallef kellha kuntatt mal-attur, ma tatx l-avviż tat-talba u avviż ta' smigħ tal-kawża lill-attur jew inkellha tathomlu u ma tax każ.

28. Fiż-żmien rilevanti l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 kien jipprovdi:-

> *"(3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-Qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi* ***u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf****, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza".*

29. Jidher li meta l-appellant ma baqax jgħix fil-fond tal-Msida mar jgħix San Pawl il-Baħar (ara estratt tar-reġistru elettorali a fol. 25 ta' Ottubru 2010, cioe` fiż-żmienmeta saret in-notifika bl-affissjoni).

30. Madankollu l-post ta' residenza magħruf għall-appellata kien tal-Msida. Mhemmx prova waħda li l-kumpanija konvenuta kienet infurmata li l-attur kien bidel il-post ta' residenza. Lanqas ma jeżistu fatti li minnhom l-appellata setgħet impliċitament tkun taf li l-appellat kien mar jgħix San Pawl il-Baħar.

31. Għal dak li jirrigwarda l-kumpanija konvenuta fil-kawża 692/2010 **A & M Printing Limited v. Joseph Micallef et**, fid-data tal-preżentata tal-avviż tat-talba (28 ta' Mejju 2010), il-kumpanija J.M. Trading Agency Limited kienet diġa ġiet *struck off* mir-reġistru tal-kumpaniji (23 ta' Jannar

2009). Evidenti li l-konvenuta ma kinitx taf b'dak l-iżvilupp tant li ħarrket ukoll lill-kumpanija fil-kawża 692/2010.

32. Ma jirriżultax li kien hemm xi ċirkostanzi li kellhom iwasslu lill-konvenuta sabiex tkun taf jew tissuspetta li l-attur ma baqax jgħix fid-dar tal-Imsida. Għaldaqstant, il-post tar-residenza tal-appellant ma kienx magħruf għall-kumpanija appellata. Skont Art. 187(3) tal-Kap. 12 hu biss fejn hu magħruf il-post tar-residenza tal-persuna li għandha tiġi notifikata, li hemm bżonn li titwaħħal kopja tal-att ġudizzjarju mal-bieb ta' dik ir-residenza. F'dan il-każ hu evidenti li l-appellanti ma kellhiex tagħrif dwar il-post tar-residenza tal-appellant. Għaldaqstant, in-notifika li saret hi xorta valida.

33. Inoltre, kien biss bl-Att numru IV tal-2016 (Artikolu 8) li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Jannar 2016, li l-liġi ipprovdiet li l-Kummissarju Elettorali għandu jagħti aċċess *online* u mingħajr ħlas tar-reġistru elettorali (Artikolu 187A tal-Kap. 12),

> *"..... lir-reġistri tal-qorti li minnhom il-qrati, l-uffiċjali tal-qorti, avukati u prokuraturi legali jistgħu jkollhom aċċess għad-data li tinsab fl-imsemmi reġistru għal finijiet li għandhom x'jaqsmu man-notifika ta' atti ġudizzjarji"*.

34. Hu biss jekk ikollok aċċess *online,* u r-riċerka tista' ssir b'mod elettroniku bl-isem u numru ta' karta tal-identita`, li wieħed jista' jiskopri jekk persuna għadiex tirrisjedi fl-istess indirizz. Altrimenti riċerka manwali

hi eżerċizzju impossibbli sabiex issib l-indirizz ta' persuna, meta ma jkollokx ħjiel fejn il-persuna marret tgħix. Għalkemm l-appellant semma wkoll dokumenti pubbliċi li kellhom iwasslu biex il-konvenuta tkun taf fejn qiegħed jirrisjedi, ma qalx x'inhuma. L-attur jidher li qiegħed jinsa li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda prova li setgħet tindika lill-appellata li ma kienx għadu jgħix fil-fond tal-Imsida jew li kellu x'indirizz ieħor, apparti dak tal-Imsida, fejn seta' jkun notifikat.

35. Minkejja dik id-dispożizzjoni, skont l-Artikolu 33 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), il-liġi tobbliga lill-Kummissjoni Elettorali biex tippubblika reġistru elettorali *"f'format mingħajr faċilita' ta' tfittxija Reġistru Elettoral rivedut darbtejn fis-sena"*.

36. Illum jeżisti mezz ta' *online search* mill-portal tal-Kummissjoni Elettorali. Madankollu l-faċilita` mhijiex bażata fuq l-isem tal-persuna jew in-numru tal-karta tal-identita tal-persuna. Għalhekk jekk ma tkunx taf l-isem tat-triq u l-post fejn tgħix il-persuna, ma tistax tagħmel tfittxija li twasslek biex tkun taf fejn persuna hi reġistrata bħala residenti.

37. Ga ladarba mhemm l-ebda prova li minnha jirriżulta li l-konvenuta kellha ħjiel li l-attur ma kienx għadu jgħix fid-dar tal-Imsida, l-attur m'għandux raġun jippretendi li kellha ssir affissjoni fl-indirizz ta' San Pawl il-Baħar. Fl-affidavit sa wasal biex jgħid li l-attriċi setgħet tistaqsi.

Madankollu ma qalx lil min kellha tistaqsi, u x'raġuni kien hemm li kellu jwassalha biex tistaqsi.

38. Kollox beda min-nuqqas tal-appellant li evidentement meta telaq mid-dar tal-Imsida, m'għamilx *change of address* mal-Maltapost. Għallinqas mhemmx prova li saret. Dan wassal li korrispondenza baqgħet tintbagħat fl-indirizz tal-Imsida, kif fil-fatt irriżulta mill-ittra li bagħat l-HSBC Bank Malta plc. L-istess bank ipprova jinnotifika ċ-ċedola ta' depożitu 387/2011 preżentata fil-21 ta' Frar 2011, fl-istess indirizz. Jekk l-attur ma baqax jgħix fid-dar tal-Imsida kien fl-interess tiegħu li jagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex tal-post ikunu infurmati bl-indirizz il-ġdid tiegħu.

39. Saħansitra rriżulta wkoll li bejn il-kontendenti kien hemm kawża oħra fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali (**Joseph Micallef nomine v. Anthony Mercieca nomine** – ċitazzjoni numru 14/1991).[1] Kawża li marret deżerta fit-8 ta' Jannar 2007. Ma tressqitx prova li f'dawk il-proċeduri l-attur kien għarraf lill-Qorti x'kien l-indirizz tiegħu. Dan minkejja li fl-affidavit qal li kien ilu tnax-il sena li telaq mid-dar.

[1] Ara affidavit ta' Mary Anne Mercieca.

40. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tikkonkludi li l-pubblikazzjoni li saret kienet biżżejjed għan-notifika tal-appellant bl-atti tal-kawża 692/2010 **A & M Printing Limited v. Joseph Micallef et** fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb